

Jgħidu li fuq il-qamar kien jgħix raġel ikrah ħafna.

Jgħidu li kien jgħix waħdu u ħbieb ma kellux.

L-iktar żmien li kien idejqu kien

**żmien il-Milied,**

meta n-nies tad-dinja jifirħu bir-rigali u jieklu ħafna ikel tajjeb.

## Fix-xahar ta' Diċembru

Karl u Martina kienu jieħdu gost iħarsu lejn
il-presepju ż-żgħir u jagħtu ismijiet ġodda
lill-pasturi qodma li kellhom.
Kull filgħodu kienu jagħtu titwila
lill-ġulbiena biex jaraw twalitx
ħalli joħorġuha ħdejn il-Bambin.





Kienu jieħdu gost iħarsu lejn il-blalen kbar u kkuluriti mdendla mal-friegħi tas-sigra tal-Milied …

Is-sigra tagħhom żgur li kienet

*l-isbaħ waħda fid-dinja!*